**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 113/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Charles Sciberras**

Illum, 27 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Charles Sciberras, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 324775(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Frar 2010 u fl-aħħar xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pusess tiegħu d-droga methadone speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini

Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħu;

2. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kodejina (DHCs) speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;
5. Kontra d-dispozizzjonijiet tat-Taqsima 1 tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi, żamm fid-dar tiegħu jew f'post ieħor, ħadem, biegħ jew offra għal bejgħ jew ikkonsenja lill-persuni mhux awtoriżżati, porvli tal-isparar jew xi waħda mis-sustanzi l-oħra msemmijin fl-Artikolu 6 tal-istess Ordinanza.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta mal-imputat bħala wieħed li sar reċediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Marzu 2023, fejn il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 2, 6 u 29(1) tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat mhux ħati tat-tieni u tat-tielet

imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tal-addebitu tar-reċediva u illiberatu minnhom, filwaqt illi sabitu ħati tal-ewwel u tal-ħames imputazzjonijiet u kkundanatu fir-rigward għall-piena ta' disa' xhur priġunerija effettiva u multa ta' seba' mitt ewro, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro, bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi. Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat l-azzjoni kriminali preskritta u għaldaqstant illiberat lill-istess imputat minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-istess. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjes li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti matul dawn il-proċeduri, ossia nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, liema spejjez jammontaw għas-somma ta' €278.47, kif ukoll l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert il-Maġġur Jeffrey Curmi li madanakollu ma jirrizultax b'mod ċar mill-atti proċesswali u għalhekk għandhom jiġu stabbiliti mir-Reġistratur. Dawn l-ispejjez għandhom jitħallsu mill-ħati fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza. Fl-aħħarnett, il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita, hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċes-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tbiddel is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi fis-6 ta' Marzu 2023 u dana billi filwaqt li tikkonferma d-deċizjoni tagħha li huwa ma huwiex ħati tat-tieni u t-tielet akkuza u kwantu lliberatu mir-raba' għax preskritta, li tħassar u tibdel kwantu sabitu ħati tal-ewwel u l-ħames imputazzjonijiet u tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat li permezz ta' digriet datat 13 ta' Settembru 2023, dina l-Qorti innutat illi l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant jikkonċerna propju nuqqas li seħħ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati meta din kienet preseduta mill-Imħallef sedenti ta' dan l-appell fil-kariga ta' Maġistrat u għaldaqstant stiednet lill-partijiet jindikaw jekk għandhomx oġġezzjoni illi dan l-appell jiġi deċiz minnha jew jekk hemmx lok għar-rikuża tagħha.

Rat li permezz tan-nota tiegħu datata 14 ta' Settembru 2023, l-Avukat Ġenerali ddikjara li ma jsib l-ebda oġġezzjoni illi dan l-appell jiġi deċiz minn dina l-Qorti, hekk kif preseduta.

Rat li permezz tan-nota tiegħu datata 15 ta' Settembru 2023, l-appellant iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dan l-appell jiġi deċiż minn din il-Qorti hekk kif preseduta u li għalhekk ma hemmx lok għar-rikuża.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju imressaq mill-appellant, huwa jeċepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali u dan fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom instabet ħtija mill-Ewwel Qorti. Jisħaq li ġaladarba l-proċeduri kienu vviżjati għaliex milquta minn żball proċedurali li kien sanat diversi snin wara il-bidu tal-proċess penali istitwit kontrih, allura huwa biss mill-mument li dawn inqraw mill-ġdid f' Novembru 2022 illi effettivament inbdew il-proċeduri fil-konfront tiegħu billi dak li seħħ qabel kien proċeduralment u legalment null.

Issa minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta illi l-appellant kien mixli b'diversi reati li jaqgħu taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll bir-reat tal-pussess ta' arma li taqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja bi ksur tal-artikolu 6 tal-kapitolu 480 tal-

Liġijiet ta' Malta, liema reat jaqa' fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati u fialment bir-reat imfassal fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan l-aħħar reat allura, fiż-żmien tal-kummissjoni tiegħu, kien jiżboq il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati sabiex b'hekk fir-rigward ta' dan l-aħħar reat dik il-qorti kellha tipproċedi fit-termini tal-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali, ħaġa li tidher li ma seħħitx biex b'hekk twieled id-difett proċedurali. L-appellant kien innotifikat b'dawn l-imputazzjonijiet fill-11 ta' Ġunju 2012, fejn allura skatta l-applikabbilita' tal-artikolu 687(2) tal-Kodiċi Kriminali bil-preskrizzjoni tkun sospiża mill-mument li ssir in-notifika. Illi għalhekk, kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant fl-aggravju tiegħu, ż-żmien perentorju sabiex titmexxa l-azzjoni penali ma jieqafx jiddekorri mal-qari tal-akkużi, iżda mal-mument tan-notifika u allura għalkemm il-proċeduri setgħu kienu ivvizjati u dan referribbilment għal ħames imputazzjoni, li fir-rigward tagħha kellha tkun segwieta il-proċedura imfassla fl-artikolu 370(3), kif ingħad, ma jwassalx sabiex dik is-sospensjoni tiġi fix-xejn.

Illi l-proċeduri raw it-twelid tagħhom nhar il-11 ta' Ġunju 2012, f' liema seduta inqraw l-akkużi bil-ġurament u wara li nstemgħu diversi xhieda, l-Ewwel Qorti ddifferiet il-kawza għal data oħra sabiex jitkompla is-smigħ tal-provi, liema provi kienu ikkumpilati sas-27 ta' April 2022, meta kien hekk vverbalizżat:–

> **Il-Qorti tirrileva illi meta ħadet konjizzjoni tal-atti sabiex tikteb is-sentenza dwar il-kaz, indunat illi minkejja li imputazzjoni minnhom kienet fiz-zmien li l-akkuza ġiet moqrija, teċċedi l-kompetenza oriġinali ta' din il-Qorti, l-ezami tal-imputat baqa' ma sarx, bir-rizultat illi huwa lanqas ma ta il-kunsens tiegħu sabiex jiġi ġudikat bi proċedura sommarja.**

Illi, sussegwentement, l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tissana l-atti li kienu proċeduralment monki meta b'digriet tad-19 ta' Lulju 2022 iddeċidiet: –

> **Għaldaqstant, il-Qorti tordna li l-proċeduri jerġgħu jinbdew mill-ġdid u dan billi l-akkuzi jerġgħu jinqraw mill-Uffiċjal Prosekutur u jsir l-ezami tal-imputat skont il-liġi.**

Illi, in segwitu għad-digriet appena ċitat, nhar il-11 ta' Novembru 2022, il-proċeduri odjerni reġgħu bdew mill-ġdid fejn inqraw l-akkużi bil-ġurament u sar l-eżami tal-imputat. Illi fl-istess seduta d-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-provi

kollha mressqa fil-kawża sa' dak il-jum, inkluż kwalunkwe dokumenti eżebiti sabiex b'hekk kien l-appellant b'din l-istess eżenzjoni li aderixxa ruħu mal-atti kif kienu ikkumpilati fil-perijodu bejn is-sena 2012 u is-sena 2022. B'dan il-mod l-atti kienu ssanati għal finijiet u effetti kollha tal-liġi. Dan ifisser illi l-appellant issa ma jistax jilmenta illi l-azzjoni kriminali kienet perenta u dan in segwitu għal dan l-event probatorju. Huwa żbaljat allura dak li jikkontendi illi t-terminu tal-preskrizzjoni kellu jkun meqjus bejn id-data meta kien allegatament kommess ir-reat, u ċioe' il-21 ta' Frar 2010, u dik id-data meta l-proċeduri inbdew mill-ġdid fil-11 ta' Novembru 2022, u dan għaliex kif ingħad, fl-ewwel lok l-preskrizzjoni kienet sospiża mal-mument tan-notifika tiegħu biċ-ċitazzjoni, u fit-tieni lok ukoll għaliex il-proċeduri kienu ssanati bid-digriet tal-Ewwel Qorti tal-11 ta' Novembru 2022, meta l-istess appellant aderixxa ruħu għal dan id-deċiżjoni bl-aċċettazzjoni tiegħu bħala validi dawk il-provi kollha li kienu kkumpilati sa dak il-jum.

Illi, fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni penali mqanqla mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, kien hekk deċiż:–

> **"Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-preskrizzjoni għandha titqies b'referenza għaz-zmien li mexa bejn id-data li fihom allegatament twettqu r-reati odjerni u d-data li fiha jirrizulta li l-imputat ġie notifikat biċ-ċitazzjoni". ... Fi kliem ieħor il-perijodu ta' preskrizzjoni ġie sospiż fil-jum li fih l-imputat idjern ġie notifikat biċ-ċitazzjoni odjerna u jibqa' sospiż matul il-kors ta' dawn il-proċeduri sakemm tingħata s-sentenza finali."**

Illi l-iskop wara l-istitut tal-preskrizzjoni huwa imsejjes fuq l-obbligu tal-istat, tramite il-pulizija eżekuttiva, illi jinvestiga u jmexxi 'il quddiem l-azzjoni penali kontra l-awtur ta' reat kriminali u mhux jibqa' inattiv sabiex b'hekk isir iktar diffiċli kemm ghal prosekuzzjoni kif ukoll għad-difiża li resqu il-provi li jistgħu jintilfu bit-trapass taż-żmien b'riskju li ssir inġustizzja kemm mal-awtur tar-reat kif ukoll mas-soċjeta' in generali. Dana għaliex il-liġi tal-preskrizzjoni tolqot is-sustanza tal-azzjoni u mhux l-aspett procedurali tagħha. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tfittex u ċioe' illi bniedem ma jiġix ipproċċessat għal xi azzjoni wara trapass twil ta' żmien meta il-provi li jridu jiġu prodotti quddiem il-Qorti jkunu jew intilfu jew gew offuskati minħabba it-telfien tal-memorja tax-xhieda li jiġu prodotti.

Dan magħdud għalhekk il-leġislatur fassal dawk ir-regoli li jwaqqfu id-dekors tat-terminu tal-preskrizzjoni bl-artikolu 687(2) tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara illi dan it-terminu jieqaf milli jkompli miexi meta l-awtur tar-reat jkun notifikat bl-imputazzjoni jew l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Jikkonsegwi għalhekk illi t-terminu tal-preskrizzjoni waqaf jiddekkorri fil-jum tal-11 ta' Ġunju 2012, b'din is-sospenzjoni baqgħet fuq saqajha sal-mument li ngħatat i-sentenza finali ġaldarba l-atti kienu sanati mill-Ewwel Qorti meta l-akkużi reggħu kienu moqrija u sar l-eżami tal-imputat, bl-appellant, kif ingħad, jeżenta lil dik il-Qorti mis-smigħ tal-provi mill-ġdid, inkluż il-provi minnu mressqa. Illi allura ebda waħda mill-imputazzjonijiet li dwarhom instabet il-ħtija u li issa jinsabu taħt il-lenti ta' din il-Qorti hija milquta bil-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju vventilat minnu, l-appellant jisħaq li għalkemm jaqbel mad-deċizjoni tal-Ewwel Qorti li tiskarta l-istqarrija mogħtija minnu lil pulizija lura fis-sena 2010, bl-istess kejl allura l-Ewwel Qorti, fil-fehma tiegħu, kellha twarrab ix-xiehda mogħtija minnu *viva voce* fil-qorti u dan għaliex meta huwa ddepona ma kellux avukat jassistih, b'dan għalhekk illi l-Qorti ma setatx tipproċedi biex tisma' lill-appellant jixhed meta ma kellux avukat u kellha tara li taħtar avukat mill-elenku tal-avukati tal-għajnuna legali sabiex jipprovdielu l-assistenza meħtieġa.

Issa minn eżami tal-atti jirriżulta illi fis-seduta tat-08 ta' Ġunju 2016, l-avukat li kien qed jassisti lill-appellant irrinunzja għal patroċinju tiegħu. Il-Qorti għalhekk iddifferiet il-kawża għal provi tad-difiża u sabiex l-imputat għal dik is-seduta ikun assistit minn avukat ieħor. Illi fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2016, imbagħad, jidher illi l-appellant deher sprovvist minn avukat. Iżda kien hekk ivverbalizżat:

> **"L-imputat informa lill-Qorti li ma jħossx il-ħtieġa li jigi assistit minn avukat. Wara li l-Qorti avżatu li għandu dritt ikun hekk assistit u li anke tista' tqabbad avukat tal-għajnuna legali sabiex jassistieh f'dawn il-**

**proċeduri, hu baqa' jinsisti iktar minn darba li ma jridx jkun hekk assistit. L-imputat nforma lill-Qorti wkoll li huwa jixteiq jixhed f'dawn il-proċeduri u dan wara li l-qorti wissietu li għandu id-dritt tas-silenzju u dritt li ma jinkriminax ruħu.**

**Xehed: Charles Sciberras."**

Illi minn din is-seduta'il quddiem l-appellant baqa' jiddefendi lilu nnifsu u fl-ebda waqt ma talab biex ikun assistit minn avukat sakemm il-kawża kienet differita għas-sentenza. Dan seħħ sas-seduta tas-27 ta' April 2022 meta l-Ewwel Qorti imbagħad issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, għaliex kienet innutat illi kien hemm difett proċedurali fl-atti, u minn din is-seduta 'il quddiem l-appellant beda jiġi assistit mill-avukat Dr. Carm Mifsud Bonnici.

Dan ifisser għalhekk illi l-appellant lanqas f'dan l-aggravju minnu ntentat ma għandu raġun u dan għaliex għalkemm imwissi għal iktar minn darba mill-Ewwel Qorti li huwa għandu dritt ikun legalment assistit u li hu ma kienx obbligat li jixhed sabiex ma jinkriminax ruħu, b'dik il-Qorti saħansitra toffrielu s-servizzi tal-għajnuna legali, xortawaħda rrinunzja b'mod volontarju u nkondizzjonat għal dawn il-jeddijiet li tagħtih il-liġi sabiex b'hekk ix-xiehda minnu mogħtija hija waħda legalment valida u amissibbli bħala prova.

Għal dawn il-motivi, it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi t-tielet lanjanza tal-appellant tikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmula fil-mertu mill-Ewwel Qorti għaliex huwa tal-fehma illi dak mistqarr minn Lisa Pace lil pulizija dwar l-oġġetti misjuba fir-residenza tiegħu kellha tkun skartata iktar u iktar meta Pace kienet mixlija ukoll bl-istess fatti inkriminanti u meta huwa lanqas ma kien preżenti meta saret it-tfittxija mill-pulizija fid-dar tiegħu. Jikkontendi illi kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti il-piż tal-prova kienet taqa' fuq l-ispalla tal-Prosekuzzjoni u ma kienx jispetta lilu li jressaq lil Lisa Pace bħala xhud. Jikkontendi għalhekk illi l-verżjoni tal-fatti ta' Pace ma kellhiex tingħata piż probatorju iktar u itar meta din ma kenitx korroborata minn fatti u provi oħra.

Illi, minn eżami tal-provi prodotti, jirriżulta li nhar il-21 ta' Frar 2010, il-Pulizija ta' l-Iskwadra ta' kontra d-Droga eżegwew mandat ta' tfittxija fil-konfront tal-appellant u dana peress li kien hemm suspett li huwa kien fil-pussess ta' droga ġewwa r-residenza tiegħu. Di fatti, fl-istess residenza instabu diversi pillioli DHCs, sfafar, sikkina u numru ta' fliexken kontenenti likwidu aħdar, liema likwidu ġie kkonfermat mill-Espert tal-Qorti l-iSpizjar Mario Mifsud, li kien propju s-sustanza *methadone* fl-ammont ta' 1.67 litru.

Issa l-appellant kien misjub ħati ta' pussess, mhux għall-użu esklussiv tiegħu, tas-sustanza *Methadone* fl-ammont ta' 1.67 litru, liema sustanza kienet misjuba *in parte* fi flixkun ġewwa il-vettura li kienet tinstaq minnu u l-kumplament fil-*fridge* fir-residenza fejn kien jabita. Kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha l-appellant ma jressaqx kontestazzjoni fir-rigward tas-sustanza misjuba fil-vettura tiegħu, iżda biss fir-rigward ta' dik li kien hemm fir-residenza fejn kien igħix sabiex b'hekk ir-reat tal-pussess ta' din is-sustanza ikkontrollata bil-liġi hija ippruvata. Issa għalkemm huwa minnu illi f'din ir-residenza ġewwa Raħal il-Ġdid apparti l-appellant kienet tgħix omm uliedu Liza Pace u għal din ir-residenza kellhom aċċess ulied Pace li kienu tossikodipendenti, u dan kif jikkontendi l-appellant, madanakollu huwa indubitat, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, illi l-appellant kien fil-pussess ta' din is-sustanza mhux biss fil-*fridge* ta' din id-dar, fejn allura ma jistax jingħad illi huwa kien injar mill-presenza tagħha, iżda ukoll fil-vettura tiegħu. Illi din is-sustanza *methadone* kienet misjuba fi tlett ifliexken u mhux f'xi kontenitur innokwu fejn allura l-appellant seta' igħid illi huwa kien injar mill-presenza ta' din is-sustanza fir-residenza tiegħu. Illi imbagħad din il-Qorti hija konkordi mal-fehma tal-Ewwel Qorti illi l-appellant ma ressaq ebda prova illi huwa jagħmel użu minn din is-sustanza sabiex b'hekk anke jekk *gratia argomenti* il-Qorti kellha tqies biss dik misjuba fil-vettura tiegħu u mhux ukoll dik li kien hemm fid-dar tiegħu, żgur u mhux forsi illi il-pussess ta' din is-sustanza ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi, *in oltre*, l-appellant, meta xehed *viva voce*, jammetti li l-pilloli DHCs u l-*valium* li nstabu fir-residenza kienu tiegħu – fatt li huwa kkorroborat ukoll permezz tal-*Control Cards* ippreżentati in atti u mix-xhieda ta' l-Ispiżjara Arlette Falzon Seychell.

Madanakollu, fir-rigward tal-*methadone*, huwa jisħaq li dan ma jafx kif sab ruħu fil-fond u jerġa' jisħaq li l-istess fond kien aċċessibbli għall-diversi persuni, dikjarazzjoni għal kollox inverosimili meta kif ingħad l-appellant kien jirrisjedi f'dan il-fond, bis-sustanza tinżamm ġewwa l-*fridge*, u b'ammont ieħor jinstab fil-vettura tiegħu.

Għaldaqstant lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu akkoljiment.

Fl-aħħar aggravu marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' disa' xhur priġunerija u multa ta' €700, l-appellant jilmenta illi din kienet eċċessiva tenut kont tat-trapass twil taż-żmien minn mindu inbdew il-proċeduri. Illi jibda biex jingħad illi l-piena erogata hija waħda fil-parametri tal-liġi tenut kont li huwa kien misjub ħati ta' żewġ imputazzjonijiet. *Di piu'* l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha stqarret ċar u tond illi fil-kalibrazzjoni tal-piena ħadet in konsiderazzjoni dan il-fattur tat-trapass taż-żmien tant illi erogat il-piena fil-minimu tagħha sabiex b'hekk din il-Qorti ma tarax illi jista' jkun hemm xi skont ulterjuri. Għaldaqstant dan l-aħħar aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**